KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Erbgħa u Tletin (34)***

***It-Tlieta, 13 ta' Lulju, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI (virtwali)
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT (virtwali)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**34.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

34.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Keith Fenech, fejn informa li mhux se jilħaq jattendi għal-laqgħa minħabba impenji oħra.

**34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

34.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 33 li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju, 2021.

34.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 33 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.3 **Mozzjoni 34-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 33.
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Il-Minuti Numru 33 ġew approvati unanimament.

**34.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 34 (08) – Lulju 2021***

34.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 34(08) biċ-ċekkijiet numru 7173 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10011 sa 10035 li jammontaw €29,291.21

34.3.2 **Mozzjoni 34-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 34(08) bl-ammont ta' €29,291.21
Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt
L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 34(08) ġiet approvata unanimament.

## 34.4 Korrispondenza

34.4.1 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex isir attivita' fil-Pjazza biex jiġi mniedi taħriġ dwar Robotika fil-lokalita. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir din l-attivita' skond il-permessi tal-pulizija u r-regoli li huma fis-seħħ bħalissa bħala miżuri tal-Covid-19.

34.4.2 Tressqet korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart goff fejn infurmana li qala' multa minħabba li qed imur bl-istess vjaġġ bl-iskart goff kif ukoll il-WEEE. Għaldaqstant qed jitlob biex l-iskart goff u l-iskart WEEE jibda jinġabar fi ġranet differenti. Il-Kunsill qabel li l-Bulky Refuse jinbda jinġabar kull nhar ta' Tnejn u l-Ħamis, filwaqt li nhar ta' Tlieta jinġabar Skart Elettroniku biss. Il-pubbliku se jkun infurmat permezz ta' avviż fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill.

34.4.3 Tressqet korrispondenza sabiex isir course fil-Kunsill fit-22 ta' Settembru 2021 bejn il-5pm u s-7pm. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

34.4.4 Tressqet invoice dwar ammont ta' xogħlijiet żejda li saru fuq l-istatwa ta' Santu Rokku. Il-Perit tal-Kunsill iċċertifika l-ammont ta' €250 + VAT. Il-Kunsill qabel li jħallas l-ammont li ċċertifika l-Perit.

## 34.5 Dekasteri tal-Kunsilliera

34.5.1 Is-Sindku Darren Abela qal li qed jkollu ilmenti diversi li jaqgħu taħt dekasteri differenti. Minħabba li fiċ-ċirkostanza jinsab impenjat ħafna, sostna li huwa ferm importanti li kull Kunsillier jara l-ilmenti li jaqgħu taħt id-dekasteri rispettivi.

34.5.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Darren Abela għalaq billi qal li hemm bżonn li meta jintbagħtu *emails* dwar xi risposti, kulħadd għandu jara li tingħata risposta.

## 34.6 Żoni għall-*cat feeders*

34.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li ressaq din il-materja fuq l-agenda minħabba li irid ikun ċar li hu mhux se jidħol fir-responsabbilita' ta' dan il-proġett minħabba li fil-kunċett ma jaqbilx li għandu jkun hemm żoni għall-*cat feeders*.

34.6.2 Minħabba li kellna xi ilmenti dwar żoni fejn qed jitimgħu il-qtates, il-Kunsill qabel li titwaħħal karta biex isir it-tindif kif suppost u ma jħallux ikel li jista' jġib il-ħmieġ.

34.6.3 Il-Kunsill qabel li jitpoġġew cat shelters fiż-żoni indikati hawn taħt:

-Muzew tal-bniet, Vjal il-Labour
-fejn il-Librerija
-Triq Tumbarellu (ħdejn Brownrigg)
-fejn il-Grawnd tal-Kappillan
-fi Triq il-Hareb

## 34.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

34.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-proġett li sar fejn il-Mużew tal-bniet fi Vjal il-Labour u rringrazzja lil kull min kien involut f'dan il-proġett. Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li ssir *Reading box*. Dwar dan il-Kunsill qabel.

34.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-istess proġett jista' jsir bħalu fiż-żona fi Triq il-Ħatem. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

34.7.3 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed jitranġa l-injam tal-ground tal-5-a-side minħabba li hemm ħafna minnu mkisser. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

34.7.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar l-iskart li qed jintrema b'mod irresponsabbli fi Triq il-Merill. Is-Sindku qal li se jkun qed jinforma lir-Reġjun sabiex jintbagħtu gwardjani pajżana kull nhar ta Tlieta u nhar ta' Erbgħa mill-4pm 'l quddiem. Is-Sindku ppropona li tintbagħat ittra lin-nies dwar kif jintrema l-iskart u ninfurmaw li se jiġu nstallati *cameras* ta' sigurta.

34.7.5 Is-Sindku Darren Abela qal li se jibgħat uffiċċjalment lill-IM sabiex tinfetaħ Triq il-Bwar.

34.7.6 Is-Sindku Darren Abela ippropona biex wara l-istage, fejn il-Principessa Pastizzeria jitwahhlu bollards minħabba li qed jitilgħu il-karozzi jipparkjaw fuq il-bankina. wara l-bus shelter. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se ssir it-talba lill-TM.

34.7.7 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm xi kaxxi sofor fi Triq Tumbarellu se jitneħħew u jsiru bojod minħabba li issa ġew ħwienet.

34.7.8 Is-Sindku Darren Abela qal li fi Triq l-Ewwel ta' Jannar hemm drain li qiegħed quddiem bieb resident ieħor. Il-Kunsill qabel li jibgħat lis-sanita'dwaru.

34.7.9 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment minn Triq Dun Mattew Schriha Sqaq numru 1 fejn qed jilmentaw li l-ilma qed jaqleb ġol-ġaraxx. Is-Sindku qal li se jkellem l-Perit biex naraw x jista' jsir.

34.7.10 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru bollards bil-pjanti fi Triq San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tibgħat lill-TM għall-approvazzjoni.

## 34.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera

34.8.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli staqsiet dwar l-istage fil-Bypass li għadu ma twaħħalx. Is-Sindku Darren Abela qal li hemm kwistjoni bejn TM U Planning Authority dwaru u għaldaqtant għadu ma twaħħalx.

34.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-abbozz tal-Monument tal-Familja li hu propost li jsir lejn Triq Tumbarellu. Is-Sindku Darren Abela qal li hu jaqbel ma' dan l-abbozz u ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir. Il-Kunsilliera min-naħa tagħhom mhux kollha qed jaqblu għaldaqstant is-Sindku Darren Abela talab li jittieħed vot bir-riżultat: **Favur :** Is-Sindku Darren Abela u l-Kunsilliera Rose Agius

**Kontra:** Il-Vici Sindku Christine Dalli u il-Kunsillier Andreas Gatt (Ir-Raġuni għal din id-deċiżjoni hija li minkejja li l-abbozz intogħġob, jħossu li huwa inġust li jsir monument bil-familja tradizzjonali minħabba li llum il-familja evolviet u saret aktar inklussiva.)

34.8.3 Minħabba li ma kienx hemm maġġoranza, is-Sindku Darren Abela minflok uża l-*casting vote* talab li bħala Kunsill niċċekjaw mal-Ministeru għall-Inklussivita' u l-Ugwaljanza dwar l-approvazzjoni tagħhom.

## 34.9 <u>Mozzjonijiet</u>

Annessi mal-Minuti

## 34.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 3 ta' Awwissu 2021 fil-5.30pm u li għandha terġa' ssir b'mod virtwali fuq qbil bejn il-Kunsilliera preżenti.

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.45pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 34**

**Mozzjoni Ref:** 34-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 33

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta' Lulju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 34**

**Mozzjoni Ref: 34-02**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti – Lulju 2021

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 13 ta' Lulju 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**